# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

## IMĦALLEF

## ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.

**ILLUM it-Tlieta, 16 ta' Mejju, 2017**

**Kawza Nru. 5**
**Rik. Nru. 1120/13JRM**

Inna **SAID**

vs

Massimo **BONELLO**, Albert Sammut u *Motor Insurance Pool* gia *Motor Omnibus Pool*

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors Maħluf imressaq fit-22 ta' Novembru, 2013, li bih u għar-raġunijiet hemm imsemmija, l-attriċi titlob li din il-Qorti (i) ssib li nhar it-2 ta' Diċembru, 2008, għall-ħabta tat-8.30 ta' filgħodu fi Triq it-Trunċiera, San Pawl il-Baħar, hija sfat imtajra minn karozza tal-linja misjuqa mill-imħarrek Bonello u li l-istess Bonello hu unikament responsabbli għal dan l-inċident; (ii) issib li b'riżultat ta' dan l-inċident, l-attriċi ġarrbet danni, magħduda ġrieħi li ma jgħaddux; (iii) tillikwida d-danni minnha mġarrba; u (iv) tordna lill-imħarrkin sabiex iħallsuha solidament bejniethom is-somma hekk likwidata. Talbet wkoll l-ispejjeż u l-imgħaxijiet;

Rat id-degriet ta' din il-Qorti (diversament presjeduta) tas-17 ta' Diċembru, 2013[1], li bih ordnat in-notifika lill-imħarrkin u tat direttivi lill-partijiet dwar it-tressiq tal-provi min-naħa tagħhom;

Rat it-Tweġiba Maħlufa mressqa fit-8 ta' Jannar, 2014, li biha l-imħarrek Massimo Bonello laqa' għall-azzjoni attriċi billi, preliminarjament, jgħid li l-azzjoni waqgħet bil-preskrizzjoni skond id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 2153 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta. Fil-mertu, jiċħad kull responsabbilita' għall-inċident u għaldaqstant għat-talba ta' danni mressqa fil-konfront tiegħu;

Rat it-Tweġiba Maħlufa mressqa fid-9 ta' Jannar, 2014, li biha l-imħarrkin Sammut u *Motor Insurance Pool*[2], laqgħu għall-azzjoni attriċi billi, preliminarjament, qalu li l-azzjoni attriċi waqgħet bil-preskrizzjoni skond id-dispożizzjonijiet tal-artikoli 2153 u 2154(1) tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta. Fil-mertu, jiċħdu kull responsabbilita' għall-inċident u jgħidu li l-ħtija ta' dak li ġara huwa biss ta' l-attriċi. Jgħidu li fil-konfront ta' l-imħarrek Albert Sammut, l-azzjoni hija insostenibbli billi għalkemm huwa s-sid tal-vettura, fil-jum tal-inċident il-vettura ma kinetx misjuqa minnu. Jgħidu wkoll li l-attriċi mhix qed titlob sejba ta' responsabbilita` fil-konfront tiegħu. Fir-rigward tal-imħarrka l-oħra, jgħidu li ma tistax tinstab responsabbli għall-ebda dannu ladarba l-assikurat tagħha (l-imħarrek Sammut) ma huwiex responsabbli għal dak li ġara. Jgħidu li, f'kull każ, l-attriċi trid tressaq il-provi meħtieġa, b'mod partikolari biex turi li hija tabilħaqq ġarrbet ġrieħi li ma jgħaddux fl-inċident mertu tal-każ;

Rat is-surroga tal-20 ta' Jannar, 2014, li biha din il-kawża ġiet assenjata lil din il-Qorti kif presjeduta;

Rat id-degriet ta' din il-Qorti tal-25 ta' Frar, 2014[3], li fid-dawl tal-ewwel eċċezzjoni preliminari ta' kull wieħed mill-imħarrkin, il-Qorti ħalliet il-kawża għat-trattazzjoni ta' dik l-eċċezzjoni li trid li l-azzjoni attriċi waqgħet bil-preskrizzjoni;

Rat il-provi u d-dokumenti li tressqu quddiemha marbuta mal-ewwel eċċezzjoni preliminari tal-imħarrkin;

Semgħet it-trattazzjoni tal-avukati tal-partijiet dwar l-imsemmija eċċezzjonijiet;

---

[1] Paġ. 15 tal-proċess
[2] Korrezzjoni fl-atti tat-Tweġiba Ġuramentata awtorizzata minn din il-Qorti permezz ta' degriet tat-28 ta' Jannar 2014 f'paġ. 45 tal-proċess
[3] Paġ. 55 tal-proċess

Rat id-degriet tagħha tat-12 ta' Mejju, 2016[4] li bih u għar-raġunijiet hemm imfissra laqgħet talba magħmula mill-imħarrek Bonello b'rikors tiegħu tad-19 ta' Novembru, 2014, u waqfet mill-għoti tas-sentenza dwar l-eċċezzjoni msemmija u ippermettietlu jressaq eċċezzjoni oħra ta' preskrizzjoni taħt l-artiklu 2154 tal-Kodiċi Ċivili;

Rat il-provvediment tagħha tat-23 ta' Novembru, 2016[5], li bih irregolat it-tressiq tal-provi min-naħa tal-attriċi dwar l-imsemmija eċċezzjonijiet preliminari;

Semgħet it-trattazzjoni ulterjuri tal-avukati tal-partijiet dwar l-imsemmija eċċezzjonijiet preliminari[6];

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Rat id-degriet tagħha tal-24 ta' Jannar, 2017[7], li bih ħalliet il-kawża għal-lum għas-sentenza dwar l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni;

***Ikkonsidrat:***

Illi din hija azzjoni ta' danni wara inċident li fih l-attriċi ndarbet meta ntlaqtet minn vettura misjuqa minn wieħed mill-imħarrkin. L-attriċi tgħid li għal dan l-inċident jaħti l-imħarrek Bonello. Tgħid ukoll li ġarrbet diversi danni fosthom dawk marbuta ma' ġrieħi li ma jgħaddux u qiegħda titlob li l-Qorti tillikwida d-danni mġarrba u li l-imħarrkin jagħmlu tajjeb għalihom. Dakinhar tal-inċident, ix-xarabank kien assikurat mal-*Motor Insurance Pool* (li dakinhar kienet magħrufa bħala l-*Motor Omnibus Pool*), filwaqt li l-imħarrek Albert Sammut kien sid il-vettura;

Illi għal din l-azzjoni, l-imħarrkin kollha laqgħu billi ċaħdu r-responsabbilta'. Laqgħu wkoll b'eċċezzjoni preliminari li l-azzjoni attriċi waqgħet bil-preskrizzjoni. Fil-każ tal-imħarrkin Sammut u *Motor Insurance Pool*, dawn kienu sa mill-bidu qajmu l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni kemm taħt l-artikolu 2153 u kif ukoll taħt l-artikolu 2154(1) tal-Kodiċi Ċivili, filwaqt li l-imħarrek Bonello kien qajjem l-eċċezzjoni taħt l-artikolu 2153 biss. Madankollu, meta kienet diġa' saret it-trattazzjoni tal-eċċezzjonijiet, l-imħarrek Bonello talab ukoll li jressaq eċċezzjoni ulterjuri tal-preskrizzjoni taħt l-artikolu 2154(1) tal-Kodiċi;

---

[4] Paġ. 90 tal-proċess
[5] Paġġ. 117 – 120 tal-proċess
[6] Paġ. 123 tal-proċess
[7] Ibid

Illi din is-sentenza qiegħda tingħata dwar l-eċċezzjonijiet preliminari msemmija;

Illi mill-fatti li jirriżultaw mill-atti joħroġ li nhar it-2 ta' Diċembru, 2008, vettura tal-għamla *Bedford Dominant* bin-numru tar-registrazzjoni DBY 431 misjuqa mill-imħarrek Massimo Bonello, tajret lill-attriċi, Inna Said, fi Triq it-Trunċiera, ġewwa San Pawl il-Baħar[8]. Il-ġrieħi li l-attriċi ġarbet b'riżultat ta' dan l-inċident kienu ta' natura gravi[9];

Illi sid il-vettura huwa l-imħarrek Albert Sammut, u li din il-vettura kienet assigurata mal-imħarrka l-oħra *Motor Insurance Pool* (minn issa 'l hemm imsejħa "MIP")[10];

Illi fil-25 ta' April, 2009, l-imħarrek Massimo Bonello ġie notifikat b'kopja ta' ittra uffiċjali mibgħuta mill-attriċi, li ġġib id-data tal-21 ta' April, 2009[11], dak in-nhar taħt kunjomha xebba jiġifieri Inna Atrepiyeva-Abrekova, fejn żammitu responsabbli għall-ġrieħi li ġarrbet b'riżultat tal-inċident kif ukoll talbitu jersaq għal likwidazzjoni u l-ħlas tad-danni. Din l-istess ittra ġiet notifikata lil MIP, jiġifieri fl-24 ta' April, 2009[12];

Illi n-notifika ta' din l-ittra uffiċjali lil MIP tat bidu għal bdil ta' korrispondenza bejnha u l-attriċi, jew ir-rappreżentant legali tagħha, bil-għan li jinstab min hu responsabbli għall-inċident[13]. MIP jidher li bagħtet ittra wkoll lill-imħarrek Bonello fejn għarrfitu bil-*claim* li kienet tressqet, iżda ma jidhirx li għaddiet korrispodenza oħra bejnha u l-istess imħarrek[14];

Illi ħareġ ukoll li MIP talbet lill-attriċi sabiex tidher quddiem espert mediku mqabbad minn MIP biex jinvistaha dwar l-istat ta' saħħitha[15]. L-attriċi marret għall-imsemmi eżami mediku;

Illi l-attriċi bagħtet żewġ ittri uffiċjali oħra. Waħda ntbagħtet fl-4 ta' April tal-2011[16] u l-oħra fit-22 ta' Marzu, 2013[17], it-tnejn indirizzati lill-imħarrek Bonello, b'notifika lil MIP. Fiż-żewġ ċirkostanzi, l-imsemmija ittri uffiċjali

---

8 Ara Dok. "A" f'paġġ. 7 – 10 tal-proċess
9 *Ibid* paġ. 8, u Dok. "B" f'paġġ. 11 – 4 tal-proċess
10 Ara x-xhieda ta' Muriel Pulliċino f'paġ. 69 tal-proċess
11 Dok "X", f'paġġ. 47 – 8 tal-proċess
12 Ara paġ. 48 tal-proċess
13 Ara x-xhieda ta' Muriel Pulliċino f'paġġ. 70 – 1 u x-xhieda tal-attriċi f'paġġ. 61 – 2 tal-proċess
14 Ara x-xhieda ta' Muriel Pulliċino f'paġ. 72 tal-proċess
15 Ara x-xhieda tal-attriċi f'paġ. 64 tal-proċess, kif ukoll Dok. "MPA" f'paġ. 77 tal-proċess
16 Dok "Y", f'paġġ. 49 – 50 tal-proċess.
17 Dok "Ż", f'paġġ. 51 – 2 tal-proċess

ġew notifikati biss lil MIP għaliex fil-konfront ta' l-imħarrek Massimo Bonello, ir-riferti tal-ittri uffiċjali jirriżultaw fin-negattiv[18];

Illi ma jirriżultax li qabel fetħet din il-kawża, l-attriċi qatt ressqet talba għall-ħlas mingħand l-imħarrek Albert Sammut;

Illi ħareġ illi b'riżultat ta' dan l-inċident, il-Pulizija Eżekuttiva mexxiet bil-ħruġ ta' akkużi kontra l-imħarrek Bonello. B'sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati(Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fit-18 ta' Diċembru, 2013[19], l-imħarrek Bonello instab ħati li saq vettura mingħajr liċenza tas-sewqan, imma ma nstabx ħati tal-akkużi l-oħrajn li saq il-vettura bla ma kienet koperta b'polza ta' assikurazzjoni, li saq bla kont, bi traskuraġni jew b'mod perikoluż, jew li ikkaġuna l-ġrieħi fuq l-attriċi bi traskuraġni, nuqqas ta' ħila jew b'nuqqas ta' tħaris tar-regolamenti;

Illi sadanittant fit-22 ta' Novembru, 2013, infetħet din il-kawża;

Illi b'sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fil-15 ta' Frar, 2016[20], Maria Louise Pearson (li kienet xehdet fil-każ imressaq mill-Pulizija kontra l-imħarrek Bonello dwar l-inċident li fih ittajret l-attriċi) instabet ħatja ta' sperġur u kienet kundannata għal sentejn ħabs sospiżi għal erba' snin u interdetta għal għaxar snin;

Illi l-konsiderazzjoni ta' xejra legali li jintrabtu mal-eċċezzjonijiet taħt eżami jridu jirreferu għall-inċident li ġarrbet l-attriċi u li b'riżultat tiegħu ġiet iċċertifikata li baqgħet tbati minn ġrieħi li ma jgħaddux. Ta' siwi wkoll huma l-iżviluppi li seħħew wara l-imsemmi inċident u x'ġara sa ma waslet biex tinfetaħ il-kawża;

Illi l-eċċezzjonijiet preliminari tal-imħarrkin jinġabru taħt żewġ disposizzjonijiet tal-Kodiċi Ċivili, jiġifieri l-artikolu 2153 u l-artikolu 2154. Kemm-il darba waħda jew oħra mill-eċċezzjonijiet jintlaqgħu, iwasslu biex l-azzjoni taqa' fil-konfront ta' dik il-parti li tkun ressqitha, u l-azzjoni attriċi tieqaf hawn;

Illi ż-żmien tal-preskrizzjoni jrid jitqies b'riferenza għall-azzjoni kif imfassla[21]. Din hija għażla li l-liġi tagħti lil kull parti attriċi, u hija fuq din l-għażla li jiddependi l-eżitu tal-azzjoni. Dan ifisser li jekk parti tagħżel li

[18] Ara paġġ. 49 – 52 tal-proċess
[19] Dok "MB1", f'paġġ. 26 sa 36 tal-proċess
[20] Dok "S", f'paġġ. 101 – 2 tal-proċess
[21] App. Ċiv. **24.3.1958** fil-kawża fl-ismijiet ***Borġ vs Testaferrata Boniċi*** (Kollez. Vol: **XLII.i.153**) u Kumm **29.11.1971** fil-kawża fl-ismijiet ***Emanuel Calleja vs Anthony Portelli noe*** (mhix pubblikata)

tressaq il-pretensjonijiet tagħha kontra parti oħra fuq kawżali partikolari, l-eċċezzjoni li titqanqal mill-parti mħarrka kontra l-azzjoni magħmula kontriha trid titkejjel fuq dik il-kawżali u mhux fuq x'taħseb il-parti mħarrka li setgħet kienet il-kawżali vera. Għalhekk, il-Qorti trid l-ewwel tqis jekk l-artikolu tal-preskrizzjoni li jkun eċċepit ikunx jgħodd għaċ-ċirkostanzi tal-azzjoni li l-eċċezzjoni trid twaqqaf, qabel ma tgħaddi biex tistħarreġ il-provi. Dan qed jingħad għaliex, f'każ li ż-żmien preskrittiv eċċepit ikun jgħodd għall-każ, ma jkun jiswa xejn li l-Qorti tistħarreġ il-provi, ħlief dawk li huma meħtieġa biex tistħarreġ il-kwestjoni tal-preskrizzjoni;

Illi għall-finijiet ta' preskrizzjoni, il-liġi tagħraf tliet għamliet ta' azzjoni għad-danni, u jiġifieri: (a) azzjoni dwar ħsarat imnissla minn għemil li jikkostitwixxi reat, f'liema każ, iż-żmien tal-preskrizzjoni huwa dak imfisser mil-liġi biex issir l-azzjoni kriminali dwar l-istess reat; (b) azzjoni għall-ħsarat imnisslin minn delitt jew kważi-delitt (l-hekk msejħa *culpa aquiliana*), f'liema każ il-preskrizzjoni hija ta' sentejn (prinċipju rifless fl-artikolu 2153 tal-Kodiċi Ċivili); u (ċ) azzjoni għall-ħsarat imnissla minn nuqqas ta' twettiq ta' obbligazzjoni li mhix imfissra f'att pubbliku, f'liema każ il-preskrizzjoni hija dik ta' ħames (5) snin[22]. Kieku l-obbligazzjoni tkun imfissra f'att pubbliku, jidher li l-preskrizzjoni tkun dik ta' tletin (30) sena[23], u dan għaliex iż-żmien preskrittiv dwar in-nuqqas ta' twettiq ta' obbligazzjoni kuntrattwali huwa dak relattiv għall-obbligazzjoni nnfisha[24];

Illi kif ingħad, dak li għandu jiġi mistħarreġ f'kawża ta' din ix-xorta huwa jekk il-premessi u l-kawżali li fuqhom tissejjes l-azzjoni attriċi jammontawx għal deskrizzjoni ta' atti li jikkostitwixxu reat allegatament fil-konfront tal-imħarrkin[25];

Illi f'din il-kawża, l-attriċi tixli lill-imħarrek Bonello b'negliġenza u imprudenza waqt sewqan, li b'riżultat tiegħu ġarrbet danni, fosthom dawk ta' korriment li ma jgħaddix[26]. Ġie ritenut li f'każ ta' danni mġarrba b'riżultat ta' inċident awtomobilistiku li fih l-attur allegatament ġarrab danni li ma jgħaddux, il-preskrizzjoni applikabbli hija dik taħt l-artikolu 2154[27];

[22] Ara per eżempju App. **27.4.1953** fil-kawża fl-ismijiet ***Micallef nomine vs Cassar*** (Kollez. Vol: **XXXVII.i.140**)
[23] App. Ċiv. **11.12.1936** fil-kawża fl-ismijiet ***Briffa vs Cassar Torreggiani*** (Kollez. Vol: **XXIX.i.806**)
[24] P.A. **22.6.1935** fil-kawża fl-ismijiet ***Fava vs Bonniċi*** (Kollez. Vol: **XXIX.ii.581**)
[25] App. Ċiv. (Inf ) RCP **25.03.2010** fil-kawża fl-ismijiet ***Rev. Dun Karm Busuttil vs Anthony Caruana***
[26] Ara premessa numru 7 tar-Rikors Maħluf f'paġ. 2 tal-proċess
[27] P.A. **16.10.1971** fil-kawża fl-ismijiet ***Tabone vs Żammit***. (mhix pubblikata). Ara wkoll App. Ċiv **15.1.2002** fil-kawża fl-ismijiet ***Carmelo sive Charles Micallef St. John et vs Richard Spiteri et*** (fejn il-mertu tal-kawża kien omiċidju involontarju" u kif ukoll P.A. GCD **3.5.2002** fil-kawża fl-ismijiet ***Maria Agius pro et noe vs. Kummissarju tal-Pulizija et*** (mhix appellata)

Illi l-Qorti hija ta' l-istess fehma. Fil-każ ta' llum, l-azzjoni hija għall-ħlas tal-ħsarat ikkaġunati b'reat taħt l-artiklu 226 tal-Kodiċi Kriminali[28], għaldaqstant il-preskrizzjoni ta' l-azzjoni kriminali taħt l-artikolu 225 tal-Kodiċi Kriminali hija regolata fl-artikolu 688(e) ta' l-istess Kodiċi, jiġifieri dik ta' sentejn. L-azzjoni ċivili mressqa permezz ta' din il-kawża għalhekk, ukoll taqa' bil-preskrizzjoni ta' sentejn;

Illi, ladarba fiċ-ċirkostanzi tal-każ, jgħodd iż-żmien stabilit fl-artikolu 2154 tal-Kodiċi Ċivili, l-eċċezzjoni tal-imħarrkin safejn tinbena fuq l-artikolu 2153 tal-istess Kodiċi mhijiex tajba, għalkemm effettivament, meta titħaddem il-preskrizzjoni taħt l-artikolu 2154 jirriżulta li ż-żmien tal-preskrizjoni huwa l-istess (sentejn);

Illi minħabba li l-preskrizzjoni mressqa mill-imħarrkin hija waħda estintiva tal-azzjoni attriċi, jidħol fis-seħħ il-prinċipju li ż-żmien preskrittiv jgħaddi biss minn dak inhar li jkun tnissel id-dritt jew setgħet tinbeda l-azzjoni meqjusa biex tħares dak id-dritt. Għaldaqstant l-artikolu 2154 tal-Kodiċi Ċivili għandu jinqara wkoll fid-dawl tal-artikolu 2137 tal-istess Kodiċi li jgħid li l-preskrizzjoni tibda tiddekorri minn meta l-azzjoni tkun setgħet issir bla ma jittieħed qies tal-istat jew tal-kundizzjoni tal-persuna li lilha dik l-azzjoni tmiss. Il-ħarsien ta' din ir-regola hi waħda bażika, tant li jinsab mgħallem illi l-impossibilita` li wieħed jaġixxi trid tkun impossibilita` indipendenti mir-rieda ta' dak li jkun, dovuta għal kawża 'l barra minnu li huwa ma setax ineħħi[29];

Illi dan il-prinċipju jinbena fuq il-massima li *actione non natae non praescribitur*. L-awturi Baudry-Lacantinerie u Tissier f'dan ir-rigward jgħallmu li "*Quanto alla prescrizione estintiva, il suo corso comincia in principio a partire dal giorno in cui e' nato il diritto o l'azione che e' destinata ad estinguere...*"[30]. U band'oħra jżidu jgħidu illi *"La prescrizione estintiva in materia di diritti eventuali non decorre evidentemente se non dopo il verificarsi dell'evento che fa nascere il diritto rimasto fin allora puramente eventuale*"[31];

Illi, hu x'inhu l-għajn tal-preskrizzjoni invokata mill-parti mħarrka, jaqa' dejjem fuq il-Qorti li tqis minn liema data tali preskrizzjoni bdiet għaddejja, u l-eċċezzjoni m'għandhiex tintlaqa' jekk mill-provi mressqin jew mill-atti tal-proċess dik id-data ma tkunx tista' tiġi stabilita[32];

---

[28] Kemm hu hekk, dan ir-reat kien wieħed minn dawk ipotiżżati u li dwarhom l-imħarrek Bonello kien mixli fil-proċeduri li ttieħdu kontrih mill-Pulizija Eżekuttiva
[29] App. Kumm. **15.2.1965** fil-kawża fl-ismijiet ***Attard et noe vs Fenech*** (Kollez. Vol: **XLIX.i.500**)
[30] cfr. *Trattato Teorico-Pratico di Diritto Civile: Della Prescrizione* (Cap XII, §364 , paġ. 279).
[31] *Op. cit.* §393-*bis*, paġ 306
[32] App. Ċiv **5.4.1993** fil-kawża fl-ismijiet ***Quintano vs Calleja et*** (Kollez. Vol: **LXXVII.ii.269**)

Illi min-naħa l-oħra, ladarba tkun stabbilita d-data li minnha 'l quddiem tnisslet il-ħsara u beda għaddej iż-żmien preskrittiv, iċ-ċirkostanza dwar jekk il-parti mġarrba kenitx taf jew le li dik il-ġrajja seħħet ma tkunx rilevanti biex il-Qorti tqis jekk dak iż-żmien għaddiex jew għalaqx. Dan jingħad għaliex, fid-dawl tat-tagħlim imsemmi hawn fuq, "*Hu risaput illi d-dies a quo tal-preskrizzjoni jibda jgħodd minn meta ssir il-ħsara, u mhux minn meta dak li jkun jinduna bil-ħsara. Fil-kawża* ***Xuereb v Agius****, deċiża mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fil-31 ta' Ottubru, 1959, intqal illi: "il-preskrizzjoni tibda tgħaddi u timxi mill-jum li fih ikun ġara l-fatt illeċitu li minnu jidderiva d-dannu, u mhux mill-jum meta l-parti leża tiġi taf bih". It-test huwa wieħed oġġettiv u mhux dipendenti fuq meta l-vittma jkun komdu li jinduna bil-ħsara. Din il-Qorti, Sede Inferjuri, fil-kawża* ***Mohnani v. Stivala****, deċiża fil-11 ta' Ġunju, 2010, qalet: "…….. jibda biex jiġi reġistrat illi kif jinghad fl-Artikolu 2137 Kodiċi Ċivili, "bla ħsara ta' disposizzjonijiet oħra tal-liġi, il-preskrizzjoni ta' azzjoni tibda minn dak in-nhar li din l-azzjoni tista' tigi ezerċitata, mingħajr ma jittieħed qies tal-istat jew tal-kundizzjoni tal-persuna li lilha din l-azzjoni tmiss". Hu spjegat mill-Qorti tal-Appell Supejuri illi "t-test li trid il-liġi allura kien dak oġġettiv, dipendenti mill-fatti li minnhom joriġina d-dritt tal-attur li jaġixxi, mhux it-test soġġettiv għall-persuna tal-attur u ċioe` jekk din kenitx jew le f'kundizzjoni li taġixxi, tkun xi tkun ir-raġuni" ("****Raphel Micallef -vs- Anthony Agius****", 6 ta' Ottubru, 2000). Evidentement, imbagħad, "iż-żmien hu dak li fih tkun twieldet l-obbligazzjoni, u li fih ikunu twieldu d-dritt u l-azzjoni konsegwenzjali" ("****Joseph Stivala -vs- Prof. Joseph Colombo****", Prim' Awla, Qorti Ċivili, 9 ta' Jannar 1953")*[33]";

Illi, minkejja dan, tibqa' dejjem tgħodd ir-regola li l-parti li tqanqal l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni trid tippruvaha kif imiss u li, f'każ ta' dubju, dan imur kontra l-istess parti eċċipjenti;

Illi mill-provi li tressqu quddiem din il-Qorti, jirriżulta li l-inċident seħħ nhar it-2 ta' Diċembru, 2008, bl-ewwel ittra uffiċjali tiġi notifikata lill-imħarrek Bonello fil-25 ta' April, 2011, jiġifieri qabel l-għeluq tas-sentejn żmien ta' preskrizzjoni li jgħodd għall-każ tiegħu;

Illi l-imħarrek Bonello jisħaq li l-aħħar żewġ ittri uffiċjali mibgħutin mill-attriċi ma kinux jiswew għaliex, minkejja li kienet iżżewġet fl-2012, użat fihom kunjomha ta' qabel iż-żwieġ. Il-Qorti ma tistax taċċetta li l-ittri uffiċjali mibgħutin mill-attriċi b'kunjomha ta' qabel iżżewġet jissarrfu daqslikieku dawk l-ittri uffiċjali ma kienu ntbagħtu xejn. Il-Qorti tinnota li, f'kull waħda mit-tliet (3) ittri uffiċjali li l-attriċi bagħtet lill-imħarrek Bonello

---

[33] App. Ċiv. **31.10.2014** fil-kawża fl-ismijiet ***Mizzi Estates Ltd vs Frank Borda et***

(b'notifika lil MIP) indikat in-numru tal-Karta tal-Identita' uffiċjali tagħha li baqa' l-istess fit-tliet atti li huma. F'dan ir-rigward, il-Qorti tosserva li l-liġi[34] tgħid li l-preskrizzjoni tinkiser ukoll minkejja li l-att ġudizzjarju ma jkunx jiswa minħabba difett ta' forma jew għaliex jitressaq quddiem Qorti minflok oħra. F'dan il-każ, lanqas jista' jingħad li kien hemm xi nullita' tal-att u t-tagħrif l-ieħor li jissemma fl-ittri uffiċjali kollha li ntbagħtu mill-attriċi jagħmluha ċara għal liema incident jirreferu u x'inhuma l-pretensjonijiet tal-mittenti. Għalhekk, f'dan il-każ, id-determinazzjoni dwar jekk iż-żmien tal-preskrizzjoni għaddiex irid jitfittex f'elementi oħrajn u mhux fin-nuqqas ta' siwi tal-att ġudizzjarju;

Illi jirriżulta iżda li l-imħarrek Bonello ma ġie notifikat b'ebda att ġudizzjarju ieħor qabel ma laqa' n-notifika tal-atti tar-Rikors Maħluf. Għaldaqstant jista' jingħad bla ebda tlaqlieq li fil-konfront tiegħu, l-azzjoni attriċi waqgħet bil-preskrizzjoni, għaliex in-notifika ta' talba ġudizzjarja ma sservix biex tikser żmien ta' preskrizzjoni li jkun diġa' għalaq. Il-Qorti ma tistax tilqa' l-argument tal-għaref difensur tal-attriċi meta qalet li n-notifika lil MIP kienet l-istess bħallikieku saret in-notifika lill-imħarrek Bonello;

Illi ħareġ ċar mix-xhieda mressqa (magħduda dik mogħtija mill-attriċi), li bejn l-imħarrek Bonello u l-attriċi ma kien hemm qatt kuntatt dirett jew negozjati dwar l-inċident, u kienet biss l-ewwel ittra uffiċjali li hu laqa' notifika tagħha. Għalhekk ma kien hemm l-ebda għemil jew stqarrija min-naħa tiegħu li b'xi mod tista' titqies li kisret iż-żmien preskrittiv jew li kienet tikkostitwixxi rinunzja għaż-żmien li kien diġa' għalaq;

Illi mbagħad, fil-konfront tal-imħarrek Sammut, jirriżulta illi dan qatt ma ġie notifikat b'ebda att ġudizzjarju qabel il-ftuħ ta' din il-kawża, u għalhekk l-azzjoni attriċi żgur li kienet preskritta fil-konfront tiegħu sa minn żmien qabel ma nfetħet il-kawża;

Illi għal dak li jirrigwarda MIP jirriżulta illi għalkemm ma kinetx imsejħa bħala intimata biex tersaq għall-ħlas ta' danni, laqgħet in-notifika tat-tliet atti ġudizzjarji indirizzati lill-imħarrek Bonello;

Illi l-Qorti tqis li l-fatt li ntwera li l-azzjoni kontra l-imħarrek Bonello waqgħet bil-preskrizzjoni, tolqot b'mod radikali l-azzjoni attriċi fil-konfront tal-imħarrkin l-oħrajn ukoll. Hija l-attriċi nnifisha li, fil-premessi tar-Rikors promotur, tgħid li huwa l-imħarrek Bonello li waħdu jaħti għad-danni li hija ġarrbet meta tajjarha[35] (kemm hu hekk huwa biss fil-paragrafu11 tal-

[34] Art. 2129 tal-Kap 16
[35] Premessa nru 9 tar-Rikors Maħluf

istess Rikors li l-attriċi ssemmi l-ewwel darba lill-imħarrkin l-oħrajn). Jekk dan huwa l-każ, wieħed jista' jgħid li ż-żmien preskrittiv li għadda favur l-imħarrek Bonello jgħin ukoll lil MIP;

Illi l-attriċi tisħaq ħafna li l-fatt li MIP kienet bagħtitha għand tabib imqabbad minnha biex jeżaminaha kien ifisser li MIP kienet assumiet ir-responsabbilta' jew li, tal-anqas, kienet qiegħda tagħtiha x'tifhem li MIP kienet qiegħda taċċetta r-responsabbilta' tal-assikurat tagħha[36]. Il-Qorti ma taqbilx ma' din il-fehma tal-attriċi. Il-fatt li kumpannija assikuratriċi ta' parti involuta f'inċident tagħmel kostatazzjonijiet biex tivverifika l-allegazzjonijiet tal-parti l-oħra ma jsarrafx f'"negozjati" għall-finijiet tal-artikolu 2125(d) tal-Kodiċi Ċivili u lanqas ta' stqarrija ta' responsabbilta' taħt l-artikolu 2133 tal-istess Kodiċi. Minbarra dan, MIP tiċħad kategorikament li hija kienet assumiet ir-responsabbilta' tal-assikurat tagħha (l-imħarrek Sammut) u kulma kienet għamlet kien li titlob lill-attriċi tagħti verżjoni maħlufa tagħha ta' dak li ġara u ġġibilha kopja tal-Proċess Verbal tal-inkjesta Maġisterjali[37]. L-istess xhud għamlitha ċara li l-fatt li kienet bagħtet lill-attriċi għand espert mediku biex jinviżtaha kienet "prattika normali .. mingħajr preġudizzju"[38];

Illi jista' jiżdied jingħad ukoll li lanqas l-attriċi ma jidher li kienet konvinta li l-komunikazzjonijiet li kienu għaddejjin bejnha u MIP kienu b'xi mod tabilħaqq negozjati li jistgħu jissospendu l-mixja taż-żmien tal-preskrizzjoni. Dan jingħad għaliex għalkemm dawn il-komunikazzjonijiet bdew għaddejjin sa mill-bidu tal-2010[39], u jiġifieri wara li kienet bagħtet l-ewwel ittra uffiċjali lill-imħarrek Bonello, hija bagħtet żewġ ittri uffiċjali oħrajn fl-2011 u fl-2013. Fit-tieni waħda qalet saħansitra espressament li dik l-ittra kienet qiegħda tintbagħat "għall-finijiet u effetti kollha tal-Kodiċi Ċivili". Il-Qorti tqis li dan kollu juri li l-attriċi kienet qiegħda tara li ż-żmien tal-preskrizzjoni ma kienx sospiż u li kellhom ikunu dawk l-atti ġudizzjarji tagħha li kellhom jaħsbu għal dan;

Illi dawn il-konsiderazzjonijiet iwasslu lill-Qorti biex twarrab l-argument imressaq mill-abbli avukat tal-attriċi li l-preskrizzjoni ġiet sospiża fit-termini tal-artikolu 2125(d) tal-Kap 16 minħabba negozjati li kienu għaddejjin bejn il-partijiet jew xi wħud minnhom. Kif ingħad, meta l-liġi titkellem fuq 'negozjati', qed tirreferi għal diskussjonijiet intiżi biex iwasslu għal għan ġa maqbul u mhux għal diskussjonijiet jew skambju ta' korrispondenza li għad ma jkollhomx fini determinat[40]. F'din il-kawża, lill-

---

[36] Xhieda tagħha f'paġġ. 65 – 6 tal-proċess
[37] Xhieda ta' Muriel Pulliċino f'paġ. 69 tal-proċess
[38] *Ibid.* f'paġġ. 70 – 1 tal-proċess
[39] Xhieda tal-attriċi f'paġ. 63 tal-proċess
[40] App Ċiv. **31.10.2007** fil-kawża fl-ismijiet ***Emmanuele Degiorgio et vs Twanny Moon et***

Qorti ma jirriżultalha li kien hemm xejn maqbul, għaldaqstant negozjati ma setax kien hemm;

Illi għalhekk, il-Qorti ssib li l-azzjoni attriċi tassew waqgħet bil-preskrizzjoni u li l-eċċezzjoni preliminari tal-imħarrkin hija mistħoqqa;

Illi għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi:

**Tiċħad l-eċċezzjoni preliminari** tal-imħarrkin dwar il-preskrizzjoni taħt l-artikolu 2153 tal-Kodiċi Ċivili billi ma tgħoddx għall-każ;

**Tilqa' l-eċċezzjoni preliminari** tal-imħarrkin dwar il-preskrizzjoni tal-azzjoni attriċi taħt l-artikolu 2154 tal-Kodiċi Ċivili bħala mistħoqqa fil-fatt u fid-dritt;

**Tiċħad it-talbiet attriċi**; u

**Tordna li l-ispejjeż tal-kawża** jitħallsu mill-attriċi.

**Moqrija**

**Onor. Joseph R. Micallef LL.D.,**
**Imħallef**

**16 ta' Mejju, 2017**

**Carmen Scicluna**
**Deputat Registratur**

**16 ta' Mejju, 2017**